**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' April 2016**

Rikors Guramentat Nru. 243 / 08RGM

Kawza fil-lista: 5

**R U f'isimha propju u**
**bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri P U**
**vs**
**S U**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) skond certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom tifel wiehed P li twieled fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997);

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba ingurji gravi, adulterju, sevizzi u theddid kommessi mill-intimat fuq martu u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

4. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permess ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni ta' bejn il-konjugi U minhabba ingurji gravi, adulterju, sevizzi u theddid komessi mill-intimat fuq martu;

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri P f’idejn ir-rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha personalment u /jew ghal imsemmi minuri dik ir-retta alimentarja li dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;

4. Tezercita d-diskrezzjoni taghha skond il-Ligi u tordna lill-konvenut sabiex ihallasha minflok manteniment lilha dovut skond il-ligi somma kapitali jew tassenjalha drittijiet reali fuq id-dar matrimonjali;

5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewgt porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenut b'konsegwenza ta' liema z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-intimat jirritoma lir-rikorrenti l-assi parafernali kollha taghha;

7. Tordna l-izgumbrament tal-intimat mid-dar matrimonjali tal-partijiet u cioe' tal-fond bin-numru ufficjali disgha (9) fi Triq San Giljan, Birkirkara u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti tghix f’ din id-dar matrimonjali ghad-eskluzjoni tal-intimat;

8. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi, preliminarjament, l-attrici ma setghetx tipprocedi b'din il-kawza bhala kuratrici ad litem tal-minuri P U minghajr ma ottjeniet 1-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti biex taghmel dan stante illi 1-patria potesta' fuq l-imsemmi minuri hija vestita wkoll fil-persuna tar-rispondent bhala missieru.

2. Illi, fil-mertu, ir-rispondent jissottolinea s-segwenti fatti -

(i) l-attrici ghandha dhul rikorrenti regolari u adegwat kemm minn pensjoni li hija tippercepixxi u kemm minn xoghol illi hija taghmel u li ilha taghmel fuq bazi regolari ghal bosta u bosta snin;

(ii) il-fond 9, Triq San Giljan, Birkirkara jikkostitwixxi proprjeta' parafemali tar-rispondent.

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti fir-realta' tkisser irrimedjabilment minhabba ingurji gravi, sevizzi, eccessi, theddid u adulterju da parti tal-attrici, u mhux da parti tar-rispondent, u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi ghalhekk, fir-rigward tal-ewwel talba, ir-rispondent jaqbel illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan minhabba ingurji gravi, sevizzi, eccessi, theddid u adulterju kommessi da parti tal-attrici.

5. Illi, fir-rigward tat-tieni talba attrici, ir-rispondent jaccetta l-fatt li, peress illi huwa ghandu impjieg full-time fuq bazi ta' shift, bhala stat ta' fatt il-minuri izjed jista' jkun fil-kura u kustodja fattwali tal-attrici milli tieghu, pero fil-kontro-talbiet illi r-rispondent sejjer iressaq kontestwalment ma' din ir-Risposta Guramentata, huwa se jitiob illi (a) l-awtorita' patemali fir-rigward tal-istess minuri tibqa' vestita fiz-zewg genituri b'mod illi d-decizjonijiet kollha importanti li jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni u t-trobbija tal-istess minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg kontendenti flimkien; u (b) ir-rispondent jinghata access ampju u adegwat ghal ibnu minuri P. Ghaldaqstant, b'dawn ir-rizervi u kwalifiki, ir-rispondent ma jopponix ghal din it-tieni talba attrici.

6. Illi, fir-rigward tat-tielet talba attrici, ir-rispondent jopponi bis-shih ghat-talba tal-attrici illi huwa jigi kundannat illi jhallas retta alimentari ghaliha, u dan ghaliex (i) l-attrici iddekadiet mid-dritt illi titlob u tottjeni l-hlas ta' alimenti minghand ir-rispondent, u dan ghar-ragunijiet li se jigu mfissra u ppruvati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; u (ii) f'kull kaz, kif inghad izjed 'il fuq, l-attrici ghandha dhul regolari u adegwat de proprio.

7. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici in kwantu din tirrigwarda l-hlas ta' retta alimentari ghall-minuri, ir-rispondent ma jopponix ghal din it-talba b'dan pero’ illi tali retta alimentari ghandha tithallas, sa fejn hu possibbli, b'infiq dirett ghall-htigijiet tal-minuri, u cioe' bil-hlas tal-mizati tal-iskola, hlas ta' spejjez edukattivi u extra-kurrikulari, u hlas ta' spejjez ta' sahha relattivi ghall-istess minuri.

8. Illi, fir-rigward tar-raba' talba attrici, din ghandha tigi michuda stante li, kif fuq inghad, ir-rispondent m'ghandu jigi kundannat li jhallas ebda retta alimentari ghall-attrici personali, filwaqt li fir-rigward tal-minuri r-rispondent zgur illi se jottempora ruhu mal-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti u jhallas dik ir-retta alimentari rikorrenti li jigi kundannat ihallas.

9. Illi, fir-rigward tal-hames talba attrici, ir-rispondent jaqbel max-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u jaqbel illi din tigi likwidata u maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati porzjon lil kull parti u dan billi, fl-ezercizzju ta' likwidazzjoni u spartizzjoni, din l-Onorabbli Qorti tqis it-tortijiet serji u gravi kommessi mill-attrici fil-konfront tar-rispondent u tqis u tikkunsidra wkoll il-proprjeta' parafernali illi ghandu r-rispondent, inkluz il-fond 9, Triq San Giljan, Birkirkara.

10. Illi, fir-rigward tas-sitt talba attrici, din ghandha tigi michuda stante illi r-rispondent m'ghandu ebda assi parafernali appartenenti lill-attrici fil-pussess tieghu.

11. Illi, fir-rigward tas-seba' talba attrici, ir-rispondent joggezzjona ghal din it-talba ghaliex m'hemm ebda raguni ghaliex huwa ghandu jigi allontanat jew zgumbrat mid-dar matrimonjali (li d'altronde hija wkoll proprjeta' parafernali tieghu), ghalkemm ir-rispondent jiddikjaraw ruhu dispost u dejjem pront biex jaghmel dak li jkun fl-ahjar interess ta' ibnu minuri P.

12. Illi t-tmien talba attrici ghaadha tigi michuda ghaliex m'hemm ebda raguni ghalfejn is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 u/jew 50 tal-Kodiei Civili ghandhom jigu applikati fil-konfront tar-rispondent.

13. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri sabiex iressaq 'il quddiem il-kontro-talbiet tieghu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni istitwita mill-attrici sabiex iressaq 'il quddiem il-kontro-talbiet tieghu.

Illi l-esponent u l-attrici rikonvenzjonata zzewgu fl-20 ta' Marzu, 1982 u miz-zwieg taghhom huma ghandhom iben uniku, P, illi twieled fid-29 ta' Lulju, 1997 u li l-kontendenti kienu adottaw fis-sena 2000.

Illi l-esponent ghandu relazzjoni specjali hafna ma' ibnu P U u ghalhekk anke l-kontro-talbiet illi huwa sejjer iressaq huma kollha intizi biex jigu salvagwardjati l-interessi supremi tal-istess minuri.

Illi l-attrici rikonvenzjonata ghandha dhul rikorrenti regolari u adegwat kemm minn pensjoni li hija tippercepixxi u kemm minn xoghol illi hija taghmel u li ilha taghmel fuq bazi regolari ghal bosta u bosta snin.

Illi l-fond 9, Triq San Giljan, Birkirkara jikkostitwixxi proprjeta' parafernali tal-esponent.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti fir-realta' tkisser irrimedjabilment minhabba ingurji gravi, sevizzi, eccessi, theddid u adulterju da parti tal-attrici rikonvenzjonata, u mhux da parti tal-esponent, u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi –

(i) tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti konjugi U minhabba ingurji gravi, adulterju, sevizzi, eccessi u theddid kommessi da parti tal-attrici rikonvenzjonata ghad-dannu tal-esponent;

(ii) tiddikjara illi l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja tal-firda u ghalhekk ghandha titlef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;

(iii) tistabilixxi d-data meta l-attrici rikonvenzjonata ghandha tigi dikjarata hatja tal-firda u tikkommina kontra l-istess attrici rikonvenzjonata l-estremi kollha previsti mil-ligi;

(iv) tordna illi, indipendentement minn kull ordni li din l-Onorabbli Qorti tista' taghti fir-rigward tat-tieni talba attrici, l-awtorita' paternali fuq il-minuri P U tibqa' vestita fiz-zewg kontendenti konguntivament;

(v) tordna illi d-decizjonijiet kollha importanti illi jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni, it-trobbija u l-formazzjoni tal-minuri P U ghandhom jittiehdu miz-zewg kontendenti konguntivament;

(vi) tordna illi l-minuri P U jibqa' domiciljat Malta sakemm huwa jaghlaq il-maggor eta';

(vii) tordna illi ebda parti ma tkun tista' ssiefer bil-minuri minn dawn il-gzejjer minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra salv, fin-nuqqas, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

(viii) tordna illi dan l-ordni jigi notifikat lill-awtoritajiet kollha kompetenti inkluz il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni;

(ix) tordna illi l-esponent jinghata access ampju u adegwat ghal ibnu minuri P U f'dawk il-granet u hinijiet u skond dawk il-modalitajiet illi jkunu fl-interess suprem tal-istess minuri u tenut kont tal-ezigenzi u l-impenji tal-istess minuri u tal-orarju lavorattiv tal-esponent;

(x) tiddikjara illi l-attrici rikonvenzjonata ddekadiet mid-dritt illi titlob u tottjeni minghand l-esponent il-hlas ta' retta alimentari ghaliha personali;

(xi) tillikwida l-assi parafernali u/jew dotali tal-partijiet u tassenja lil kull parti dawk l-assi parafemali u/jew dotali tieghu / taghha;

(xii) ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet rnhux necessarjament ugwali, billi tikkunsidra l-assi parafemali tal-partijiet u t-tortijiet kommessi mill-attrici rikonvenzjonata, u tassenja porzjon lil kull wahda miz-zewg partijiet;

(xiii) tinnomina nutar pubbliku sabiex jilqa' u jippubblika kwalsijasi kuntratt pubbliku ta' xoljiment, divizjoni u assenjazzjoni illi jista' jkun mehtieg u necessarju, jew kull kuntatt u/jew skrittura ohra talvolta mehtiega u necessarja konsegwenzjalment ghall-ordinijiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

(xiv) tipprefiggi data, 1ok u hin illi fihom ghandu jigi pubblikat l-att relattiv u/jew jigu ffirmati dawk id-dokumenti u skritturi mehtiega sabiex 1-ordnijiet u l-provvedimenti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha jinghataw ezekuzzjoni shiha u effettiva skond il-ligi;

(xv) tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq kwalsijasi att pubbliku jew skrittura talvolta mehtiega u necessarja.

(xvi) tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata, in toto jew in parte, is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 u/jew 50 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijeit ta' Malta;

(xvii) tawtorizza lill-esponent sabiex jirregistra s-sentenza ta' separazzjoni personali meta din tkun saret res judicata, u dan a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilha. Illi ghat-tkissir taz-zwieg huwa unikament responsabbli l-konvenut rikonvenzjonant li irrenda ruhu hati kontra l-esponenti martu ta' ingurji gravi, adulterju, sevizzi u theddid u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Illi t-tieni talba hija opposta u dan peress li ghat-tkissir taz-zwieg huwa unikament responsabbli l-konvenut rikonvenzjonant u ghalhekk ma ghandiex titlef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;

3. Illi t-tielet taiba hija opposta stante li l-esponenti ma hijiex hatja tal-firda u ghaldaqstant ma tistax tigi milquha;

4. Illi rigward r-raba' talba zzomm ferm mat-talba taghha li tkun vestita bil-kura u kustodja tal-minuri;

5. Illi l-esponenti f'dan l-istadju qed topponi ghal hames talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

6. Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar is-sitt talba;

7. Illi s-seba' talba ma hijiex kontestata;

8. Illi t-tmiem talba ma hijiex kontestata;

9. Illi l-esponenti taqbel li l-konvenut rikonvenzjonant jkollu access ghal minuri f'dawk il-hinijiet u modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti joghogobha timponi tenut kont tal-ezigenzi u l-impenji ta' l-istess minuri;

10. Illi l-ghaxar talba hija opposta stante li l-esponenti ma hijiex hatja tal-firda u ghaldaqstant ma ghandhomx jigu applikati fil-konfront taghha s-sanzjonijiet indikati f din it-talba;

11. Illi l-hdax it-talba ma hijiex opposta;

12. Illi b'referenza ghat-tnax it-talba l-esponenti filwaqt li taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata topponi ghat-talba li hija tigi assenjata sehem anqas minn dak tal-konvenut rikonvenzjonant;

13. Illi it-tlettax il-talba ma hijiex opposta;

14. Illi l-erbatax il-talba ma hijiex opposta;

15. Illi il-hmistax il-talba ma hijiex opposta;

16. Illi s-sittax il-talba hija opposta stante li l-esponenti ma hijiex hatja tal-firda bejn il-kontendenti;

17. Illi s-sbatax il-talba ma hijiex opposta;

18. Illi l-esponenti Qed topponi ghall-ispejjez;

19. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-provi u semghet ix-xhieda rispettivi tal-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-decizjoni moghtija kontestwalment li permezz taghha giet akkolta t-talba sabiex il-Qorti tqis it-talba attrici u dik rikonvenzjonali ghal separazzjoni bhala talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini ta’ l-Artikolu 66F tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota illi in kwantu iben il-partijiet P sar maggorenni fil-mori ta' din il-kawza, isegwi li l-mertu tat-talbiet li jirrigwardaw il-kura u l-kustodja tieghu, l-access, id-decizjonijiet importanti li jirrigwardawh u s-safar tieghu huma llum ezawriti.

*Provi dwar it-Tkissir taz-Zwieg*

*Verzjoni tal-attrici*

Permezz tal-affidavit[1] taghha l-attrici tixhed illi l-problemi matrimonjali taghhom bdew fis-sena 2002 meta r-ragel kien jinjoraha u lanqas kien jilghab ma' binhom adottat. Beda jinvolvi ruhu fil-politika u jqatta` hafna hin barra mid-dar jahdem ghal membru parlamentari u bintu.

1 Fol 65

Tghid li beda jghajjarha u anke jghajjar lil binhom. Xi drabi kien ukoll isawwatha izda ma ghamlitx rapport l-Ghassa ghax kienu jghidulha li ghandha bzonn certifikat mediku. Tghid li kienet tircievi telefonati mill-mara ma' min kien joqghod li kienet tghidilha li dalwaqt ser tkun l-omm il-gdida ta' binha u kienu jghidulha li hi kerha.

Tghid li darba segwiet lill-konvenut u rat li t-tifel taghhom ma kienx mieghu izda kien hallieh ghand missier il-habiba tal-konvenut. Kienet marret tkellem lill-missier il-habiba tal-konvenut sabiex jghinha ssalva z-zwieg taghha, izda meta rritorna d-dar il-konvenut kien irrabjat, beda jghajjat u jidghi, bezqilha f'wiccha, qabad sikkina u ppuntaha lejha. Tghid li gieghlha wkoll tiffirma sabiex taqleb kont tal-bank fuq ismu u hi bil-biza ffirmat.

Tghid li hi ghandha nofs id-dar ghaliex investiet kull ma kellha fiha. Tghid ukoll li meta kien dahal l-isptar, il-konvenut ma kienx taghhom in-numru taghha bhala 'next of kin' izda dak tal-habiba tieghu. Tghid ukoll li t-tifel kien irrakkontalha li l-konvenut u l-habiba tieghu f'xi okkazjonijiet kienu jkunu intimi fil-prezenza ta' Ben u hu kien ixxukkjat u qalilha l-kliem intimi li qalu bejniethom.

Tghid li ssaportiet sal-Grizma ta' Ben imbaghad ma felhitx iktar ghall-insulti, sofferenza u swat.

In kontro-ezami hija tghid fost affarijiet ohra, illi meta marret l-ghassa, l-Pulizija ta' B'Kara kienu jafuh u kienu jghidulha li ser ikellmuh huma u kienu jghidulha “Taf ma' min qieghed hu?”

Hu l-attrici **John Sciberras** bil-mezz tal-affidavit[2] jghid li xi sitta jew seba` snin qabel, meta kien miet missierhom, l-attrici kienet qaltilhom li z-zwieg taghha kien 'on the rocks'. Jghid li wara c-cimiterju l-konvenut kien qalilha biex tinzel maghhom ghaliex hu kien sejjer jaghmel door-to-door.

Jghid li mill-bidu taz-zwieg kien iffissat fuq il-politika u kien jirsisti hafna ghad-deputat parlamentari li kien jappoggja. Jghid li ghalkemm kien jitkaza u jghid b'min jitlaq lill-mara ghal mara ohra, spicca ghamel l-istess,

*Verzjoni tal-konvenut*

Fl-affidavit tieghu[3] il-konvenut jghid inter alia, illi d-dar matrimonjali hija parafernali tieghu. Kien iddecieda li jwaqqaghha waqt iz-zwieg u jixhed kif ix-

2 Fol 330
3 Fol 421

xoghol ta' twaqqiegh u bini ghamlu kollu hu bl-ghajnuna ta' huh Charles U. Jghid li kien hallas spejjez minimi ghax hafna mix-xoghol ghamlu hu.

Jikkonferma li l-attrici minn dejjem kienet tahdem bhala maid ghand in-nies, il-gimgha kollha mit-Tnejn sas-Sibt.

Jghid li l-attrici hija persuna egoista u tigbed lejha biss, ma tafx turi apprezzament u li tghid hi biss tajjeb. Jghid li hu kien jghaddilha l-paga kollha tieghu u qatt ma tatu sodisfazzjoni x'iggemma, izda kien jiddejjaq isib flus mohbija 'l hemm u 'l hawn. Jghid li kien staqsiha biex il-kont li kellha fuq isimha jdawwruh fuqhom it-tnejn izda kienet issuppervjat u nsistiet illi jaghmlu fuqu wahdu. Jghid li filfatt hekk gara u beda juzah ghall-bzonnijiet tal-familja bhal appliances u affarijiet ohra.

Jghid li wara li adottaw it-tifel ir-relazzjoni taghhom bdiet tmur ghall-aghar ghaliex iktar ma bdietx taghti kazu u hu kien biss is-sors li jgib flus id-dar.

Jghid li fizikament kienet izzommu 'l boghod u kienet twarrbu anke f'affarijiet ohrajn li kienu importanti ghalih bhal attivitajiet ma' hutu. Jghid li darba l-attrici rat ragel minn Birkirkara li kien jafu u qaltlu li kieku kellha tmur mieghu tmur, u kienet taqa` pass lura minnu meta tarah halli ma timxix hdejn il-konvenut. Jghid li ghal xhur shah kien jipprova javvicinaha izda dejjem kienet twarrbu. Qal ukoll li kien sar jaf li l-attrici kienet ghamlet zmien tittanta lil huh Charles U.

Jghid li anke mal-girien dejjem tiggieled. Jghid li kienet theggu biex jaghti tir ta' senter lil gar illi kellhom u li ma kinitx tmur tajjeb meghu.

Jghid li meta beda jghin lil membru parlamentari kien jipprova jinvolvi lill-attrici u jehodha l-attivitajiet izda hi kienet migbuda ghaliex ma ghandhiex hbieb u n-nies idejquha.

Ma jichadx li llum ghandu relazzjoni ma' mara ohra izda jghid li r-relazzjoni taghhom bdiet meta z-zwieg kien diga` tfarrak u kienu sahansitra bdew il-proceduri bil-Qorti.

Jghid li l-aktar haga li wegghatu hija li l-attrici beghditu minn ibnu P. Jghid li huwa dejjem baqa` jhallas manteniment u lezzjonijiet ta' privat.

Jghid li dak li jitlob hu li jkollu l-post ghax huwa tieghu u z-zwieg ma tkissirx tort tieghu izda tort tal-attrici. Jghid li jaccetta li hi tiehu parti mill-benefikati li sar fiha fiz-zwieg u mill-bqija jinqasam kollox. Jghid li jibqa` jhallas manteniment ghal ibnu izda mhux ghall-attrici ghaliex iz-zwieg tkisser tort taghha u wkoll

minhabba li hi ghandha l-pensjoni u anke tahdem, u d-dhul taghha huwa sostanzjali u bizzejjed biex tghajjex lilha nnifisha.

Hu l-konvenut **Charles U** xehed bil-mezz tal-affidavit[4] u jikkonferma li l-attrici kienet tittantah u li darba kienet marret fuqu ma' huha Bertu u kienu qalulu biex jitlaq lill-mara u jitla` maghhom l-Ingilterra ghaliex huha Bertu kien johrog ma' wahda Ingliza. Jghid li dawn l-affarijiet zammhom go fih ghal zmien twil izda mbaghad kien qal lill-attrici li kien iddecieda li jghid lil huh u hi kienet gelditu minn ma' huh. Jghid ukoll li l-attrici kienet tghidlu li riedet tmur mieghu biex johrogha tqila mbaghad il-konvenut kien jahseb li kien minn tieghu. Jghid li kien irrakkonta kollox lil huh wara li hu u l-konvenuta kienu nfirdu minn xulxin. Jghid li huh huwa ragel kwiet u tal-familja u l-attrici kienet l-ewwel mara li hareg maghha.

**Provvedimenti tal-Ligi Applikabbli ghal Kaz.**

Issir referenza ghall-artikoli tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami:-

**Artikolu 3 tal-Kap. 16:**

Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja

**Artikolu 38 tal-Kap. 16** :

‘ Kull parti mizewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra’.

**Artikolu 40 tal-Kap. 16**:

‘Kull wahda mill-persuni mizewgin flimkien tista’ titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment;

**Artikolu 41 tal-Kap. 16**:

‘Kull wahda mill-partijiet mizewga tista’ ukoll titlob il-firda jekk,ghal sentejn jew izjed, tkun abbondonata mill-ohra, minghajr raguni tajba.’

---

4 Fol 426

**Artikolu 48 tal-Kap 16**
:
(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-

(a) il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631,633, 825,826 u 827[5];

(b) dak kollu li  tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;

(c) kull jedd ta' parti mizzewga ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra,f'kull kas,li taghtija l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti imsemmijin fil-paragrfu (c) ta' dak is-subartikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma is-sentenza tal-firda tkun giet imniizzla fir-Registru Pubbliku.'

**Artikolu 55 tal-Kap.:**

(7)  "Il-qorti tista' izda, meta fil-fehema taghha c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien wara li tispicca l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi."

(8) Kull ordni moghti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista'ghal raguni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.

**Artikolu 55A tal-Kap. 16:**

(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet, tordna skond ic-cirkostanzi:

---

[5] Artikoli 825, 826 u 827 gew imhassra bl-Att XVIII.2004.86

(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa;

(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew

(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:

Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej: (a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu; (b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u (ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l- ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.

(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.

***Htija tat-Tkissir taz-Zwieg***

Illi l-attrici tattribwixxi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg lill-konvenut primarjament abbazi ta' tliet ragunijiet principali, ossia l-adulterju tieghu; l-aggressivita` u s-swat, u n-nuqqas ta' flus.

Jirrizulta ammess da parti tal-konvenut illi huwa ghandu relazzjoni ma' mara ohra u li din ir-relazzjoni ilha ghaddejja ghal diversi snin. Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija li meta beda din ir-relazzjoni z-zwieg kien diga` tkisser u l-odjerni proceduri kienu diga bdew. Da parti taghha, l-attrici ssostni li din ir-relazzjoni extra-maritali kienet il-kawza determinanti tat-tifrik taz-zwieg taghhom.

**Adulterju**.

**Artikolu 38 tal-Kodici Civili** li jipprovdi:

*"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."*

Ezaminati l-provi kollha prodotti l-Qorti hija tal-fehma illi r-relazzjoni tal-konvenut ma' din it-terza persuna tassew bdiet waqt li l-partijiet kienu ghadhom

qed jghixu taht l-istess saqaf, u ghalkemm setghet ma kinitx l-unika raguni ghaliex dan iz-zwieg tkisser, zgur li kienet l-izjed wahda determinanti. Dan ghaliex kif tispjega l-attrici fl-affidavit taghha, il-problemi bejniethom bdew propju fis-sena 2002 meta l-konvenut beda jinvolvi ruhu iktar fil-politika u beda jghin lil din it-terza persuna u lil missierha bhala *canvaser*. Tirrakkonta wkoll istanzi fejn hi ratu maghha u sahansitra marret tkellem lil missier l-istess habibha tal-konvenut sabiex jghinha ssalva z-zwieg taghha mal-konvenut. Tirrakkonta wkoll l-incident mhux kontradett ta' meta l-konvenut dahal l-isptar u lill-istaff tal-isptar tahom in-numru tas-siehba tieghu minflok tal-attrici.

Ma huwiex kontestat li sa mis-sena 2002 il-konvenut kien iqatta` bosta hin mas-siehba tieghu u missierha f'attivitajiet politici. Il-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-konvenut illi kien biss ezatt kif telaq mid-dar illi huwa beda relazzjoni intima ma' mara ohra. Fi kliemu stess waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2013, *"...wara li jiena tlaqt mid-dar u kont cert li z-zwieg mhux ser jigi lura, jien ma ghamilt xejn bil-mohbi."* Jghid ukoll illi l-attrici saret taf bir-relazzjoni tieghu wara li telaq mid-dar. Dan kollu jaghti x'jifhem illi r-relazzjoni kienet pre-ezistenti ghall-abbandun tieghu tad-dar matrimonjali, izda fil-mument li telaq mid-dar, din ma baqatx relazzjoni sotterranja u saret wahda fil-miftuh.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju, 1964, fl-ismijiet **Rosina Micallef v. Angelo Micallef**, fejn gie osservat:

*"Li f'materja ta' provi tal-adulterju, id-dimostrazzjoni tieghu tista' tkun fornita bil-mezzi kollha legali li jkunu idonei biex jista' jigi determinat il-konvinciment tal-Imhallef 'poiche' nessuna limitazione e' posta dalla legge (Azzolina....)Non e' necessaria la sorpresa in flagrante e tanto meno la testimonianza 'de visu', evidentemente difficile a raggiungersi per questo genere di fatti"... U ghalhekk stante d-diffikulta tal-prova huwa ormai pacifiku anki fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*

Ghalkemm il-konvenut isostni illi huwa beda relazzjoni ma' mara ohra meta z-zwieg kien tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenuta il-Qorti tosserva illi filwaqt li rrizulta li l-attrici ghandha karattru difficli, il-problemi ta' bejn il-partijiet kellhom l-origini taghhom meta l-konvenut beda jqatta` hafna hin fl-attivitajiet politici flimkien ukoll ma' din it-terza persuna 'il boghod mill-attrici. Fil-fatt huwa l-konvenut stess li stqarr illi huwa xtaq li l-attrici tippartecipa bhalu fl-attivitajiet tal-politika kif kien jaghmel hu izda li hi irrifjutat. Cionostante l-konvenut xorta wahda baqa' jkun boghod mid-dar matrimonjali ghal hinijiet twal jakkumpanja lill-membru parlamentari u lit-tifla tieghu li eventwalment spiccat is-siehba tieghu.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tiddeciedi illi l-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement illi l-konvenut huwa hati ta' adulterju u ghalhekk huwa responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Dwar l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut huwa hati ta' aggressivita u swat fil-konfront taghha jinghad illi hija regola generali tad-dritt illi min jallega jrid jipprova. Dan huwa principju li gej mid-dritt Ruman – *actori ncumbit onus probandi* u *onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat.* Dan il-principju ta' dritt huwa sancit ukoll fil-ligi tal-procedura nostrana. **Artikolu 562 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta proprju jipprovdi illi:

*"Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

Fil-fehma tal-Qorti, l-attrici naqset milli tressaq provi sodisfacenti fir-rigward. Ma gabet ebda rapport mediku jew rapport tal-pulizija in sostenn tal-allegazzjonijiet taghha, u wisq inqas resqet xi xhud li seta` jikkorrobora l-verzjoni taghha dwar il-karattru vjolenti tal-konvenut.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-kawzali imsejsa fuq allegazzjoni ta' aggressivita' u swat ma gietx ippruvata u ghalhekk qed tigi respinta.

Kif lanqas ma gie ppruvat l-allegazzjoni da parti tal-attrici li l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus. Il-verzjonijiet tal-attrici u tal-konvenut huma diametrikament opposti f'dan ir-rigward. L-attrici tixhed illi huwa qatt ma taha paga u hi kienet tghajjex familja b'dak li kienet taqla` b'hidmitha kif ukoll bl-ghajnuna ta' ommha, filwaqt illi l-konvenut jghid illi hu dejjem kien itiha l-paga, hlief ghal xi haga zghira li kien izomm ghall-uzu personali tieghu. Il-Qorti ghalhekk qed tqies illi din il-kawzali bazata fuq xehha da parti tal-konvenut ma gietx sodisfacentement ippruvata. Konsegwentement ma tqisx ix-xiehda bhala wiehed min-nuqqasijiet li ghandha tigi adebita lill-konvenut ghas-separazzjoni personali.

Din il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi mill-kumpless tal-provi irrizulta sodisfacentement illi iz-zwieg tal-partijiet tkisser primarjament minhabba l-adulterju kommess mill-konvenut meta beda r-relazzjoni adultera ma' bint il-politiku li kien jappoggja u jqatta hin twil jahdem fl-interess tieghu.

Fil-kontro-talba tieghu il-konvenut rikonvenzjonanti jakkuza lill-attrici rikonvenzjonata b'adulterju, sevizzi, ngurji gravi, eccessi u mohqrija. Minn dan kollu ma rrizulta xejn a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti. Tirrizulta biss ix-xhieda ta' hu l-konvenut, Charles U illi qal li l-attrici, waqt iz-zwieg taghha mal-konvenut,

kienet taghmillu avvanzi u tittantah. Fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda m'ghandiex mill-verita'. L-istess xhud Charles U kien hafna xott fl-allegazzjoni tieghu. Jghid li meta l-allegat avvanzi mill-attrici lejh saru huwa ma qallux lill-konvenut huh. Jidher li nigzitu l-kuxjenza meta huh beda r-relazzjoni mas-siehba attwali tieghu. Ix-xhieda ta' Charles U ma giet korroborata minn hadd lanqas minn min skond Charles U kien prezenti waqt l-allegat avvanzi u fastidju da parti tal-attrici tenut anke kont li dan Charles U jallega li dawn l-avvanzi anke saru f'post pubbliku gewwa hanut tax-xorb. Din il-Qorti ma ghandhiex il-konvinzjoni morali li l-allegazzjoni ta' Charles U f'dan ir-rigward sehhet. Il-Qorti tiddikjara illi mhiex temmen lix-xhud Charles U fl-allegazzjoni tieghu fil-konfront tal-attrici.

Il-Qorti ghalhekk qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba adulterju. Qed tiddeciedi wkoll li tapplikabbli fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16.

Dwar id-data li ghandha tigi stabbilita ghall-finijiet taz-zmien li fih il-konvenut ikkaguna t-tkissir taz-zwieg, jigi ribadit illi l-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-konvenut illi huwa beda relazzjoni adultera wara li telaq mid-dar matrimonjali. Il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali lejn l-ahhar tas-sena 2008. Ghal dan il-fini l-Qorti qed tistabbixxi d-data li fiha l-konvenut rrenda ruhu hati tat-tkissir taz-zwieg bhala d-data tal-ftuh tal-odjerni proceduri, ossia t-30 ta' Mejju 2008.

***Manteniment***

Permezz ta' digriet datat 8 ta' Awissu 2008, din il-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' €117 ghaliha u €187 ghal binhom P kull erba` gimghat bhala manteniment.

Dwar il-manteniment ghal binhom P, in kwantu jirrizulta illi huwa qieghed issa jattendi l-Higher Secondary tan-Naxxar, hemm qbil da parti tal-konvenut illi l-manteniment da parti tieghu jibqa` jithallas sakemm huwa jaghlaq tlieta u ghoxrin sena jew sakemm jibda jahdem skond liema ssehh l-ewwel.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici tikkontendi illi mid-data tad-digriet, dan il-manteniment qatt ma ghola lanqas bl-gholi tal-hajja. Da parti tieghu il-konvenut jikkontendi illi huwa jhallas l-ammont ta' €200 fix-xahar ghal ibnu, u ghalhekk qieghed ihallas iktar minn dak ordnat mill-Qorti.

Din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi u l-bzonnijiet partikolari ta' iben il-partijiet, li ghalkemm lahaq l-eta` magguri, xorta jehtieg attenzjonijiet partikolari in vista tad-diffikultajiet riskontrati minnu, u kif ukoll tenut kont tal-mezzi taz-zewg partijiet, tordna illi l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghall-bzonnijiet

ta' binhom Ben huwa ta' €250 li jinkludi l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-bzonnijiet tal-istess binhom.

Dwar il-manteniment pretiz mill-attrici ghaliha jinghad dan li gej. Irrizulta li l-attrici ghandha pensjoni ta' invalidita` ta' cirka €465.96[6], kif ukoll introjtu iehor li jvarja rapprezentanti dak li taqla' bhala fattiga ghand in-nies, xoghol li rrizulta li ilha taghmel ghal zmien twil. Ghalkemm id-dhul taghha minn tali xoghol ma huwiex sostanzjali[7], tali dhul flimkien mal-pensjoni tal-invalidita` (ghalkemm irid jinghad illi pjuttost kuntradittorji bejniethom) irendi dhul sufficjenti lill-attrici sabiex tmantni lilha nnifisha. Ma rrizulta xejn li ghandu jwassal lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-attrici tilfet id-dritt ghall-manteniment minghand zewgha bis-sahha tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 kif qed jitlob il-konvenut rikonvenzjonanti. Pero’ sakemm l-attrici jkollha dhul sufficjenti d-dritt li titlob minghand zewgha manteniment ser jibqa’ sospiz. Mhux l-istess fir-rigward tal-konvenut. Huwa qed jinstab responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju u ingurji gravi u ghalhekk qed jigu applikati fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

*Arretrati ta' spejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri*

Permezz tad-digriet ta' din il-Qorti datat 4 ta' Novembru 2008 (fol 48), il-konvenut gie ordnat ihallas l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-edukazzjoni, inkluzi attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri. Jigi rilevat illi ghall-kuntrarju ta' dak pretiz mill-attrici, tali digriet ma kienx jinkludi li l-ispejjez relattivi ghas-sahha tal-minuri kellhom ikunu wkoll a karigu tal-konvenut.

Permezz ta' nota guramentata pprezentata fit-22 ta' Marzu 2010 (fol 150), l-attrici pprezentat numru ta' ricevuti ghal total ta' €757.80, li taghhom tippretendi l-hlas minghand il-konvenut. Permezz ta' nota guramentata pprezentata fil-15 ta' Settembru 2010, il-konvenut iddikjara, b'risposta ghan-nota tal-attrici hawn riferita, illi filwaqt li hu dispost li jhallas l-ammonti segwenti mill-ircevuti pprezentati mill-attrici, ossia l-ammonti ta' €19.85 a fol 151; €2.53 a fol 152; €6.41 a fol 152; €0.70 a fol 152, €107.72 a fol 152; €3.50 a fol 152; €3.44 a fol 153; €5.20 a fol 155, ghal total ta' €149.35, huwa jikkontesta l-bqija tal-ircevuti ghar-ragunijiet kontenuti fin-nota msemmija.

In vista tar-ragunijiet moghtija mill-konvenut fl-istess nota minnu guramentata, din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici s-somma ta'

6 Vide Dok SC a fol 400

7 Vide fost ohrajn xhieda ta' Henriette Calleja u Maria Felicissima Ebejer waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-5 ta' Lulju 2013, u ta' R Bonnici, Joanne Cooks, Ines Borg, George Cremona, Doris Bonnici u Joan Cuschieri waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-25 ta' Ottubru 2013 li jixhdu li jhallsu lill-attrici €25 ghal nofs ta' nhar xoghol.

€149.35 rapprezentanti arretrati ta' spejjez mhallsa minnha fir-rigward ta' binhom minuri.

***Komunjoni tal-Akkwisti u Beni Parafernali***

*1. Dar Matrimonjali*

Jirrizulta mill-atti illi d-dar matrimonjali fejn illum tabita l-attrici flimkien ma' binhom hija parafernali tar-ragel in kwantu l-kuntratt ta' akkwist sar qabel iz-zwieg u jghajjat lilu wahdu (Dok EZ1 a fol 318). Il-konvenuta mill-banda l-ohra tissottometti illi din inxtrat miz-zewg partijiet flimkien qabel iz-zwieg izda tghid li kien deher biss l-intimat kif solitament kien jigri f'dawk iz-zminijiet. L-attrici qed tippretendi li hija ko-proprjetarja ta' din id-dar ghaliex tghid li nefqet kull ma kellha fiha.

Jirrizulta wkoll illi d-dar mixtrija mill-konvenut qabel iz-zwieg twaqqghet u regghet inbniet u giet 'finished' fiz-zwieg. Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jissottometti illi ma kkontestax l-istima ex parte tal-Perit David Psaila pprezentata mill-attrici a fol 327-328 u li huwa lest li jhallasha nofs l-ispejjez hekk stmati in kwantu dawn saru minn fondi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti.

Fil-fehma tal-Qorti l-pretensjoni tal-konvenuta ghal nofs id-dar matrimonjali ma hiex fondata u ghalhekk qed tigi respinta. Ir-ragunijiet li resqet mill-attrici in sostenn tat-tezi taghha li d-dar matrimonjali tappartjeni lit-tnejn nonostante li fuq il-kuntratt tal-akkwist deher biss il-konvenut huma irrilevanti. Ma resqet l-ebda prova sodisfacenti li turi li kien il-hsieb tal-partijiet fil-mument tal-akkwist li l-proprjeta' qed tinxtara f'isem it-tnejn nonostante li deher biss il-konvenut. Difatti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tirrileva illi ma ghandha l-ebda prova hlief ix-xhieda taghha li skond hi missierha kien ghadda l-flus lill-konvenut rapprezentanti sehemha mid-dar li kienet qed tigi akkwistata.

In tema legali jinghad illi jezistu cirkostanzi fejn koppja jkunu jixtiequ jixtru proprjeta' flimkien izda ghal xi raguni jew ohra jidher xi hadd minnhom biss fuq l-att tal-akkwist u l-Qorti tiddikjara li l-proprjeta' giet akkwistata mit-tnejn. Diversi huma s-sentenzi li applikaw il-kuncett ta' "prestanome" anke bejn zewg persuni li eventwalment izzewgu lil xulxin. L-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha ghamlet referenza ghas-sentenza **"Marthese Vella pro et noe vs George Vella"** moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Frar 2003 fejn gie ribadit il-principju illi "l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' haddiehor jiswa avolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub". Izda kif tajjeb gie osservat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**Julia Coleiro vs Carmel Coleiro"** moghtija fil-31 ta' Ottubru 2014, "…..lanqas

tista' ssib suffragju f'dak deciz fil-kaz Marthese Vella v. George Vella indikat ukoll mill-ewwel Qorti, ghax il-fatti f'dak il-kaz kienu differenti. F'dak il-kaz il-Qorti osservat li, ghalkemm l-art kienet giet akkwistata qabel iz-zwieg f'isem il-konvenut, dan kien irrikonoxxa li dan sar peress li l-gharusa kienet ghadha taht l-eta`. L-istess konvenut kien ukoll irrikonoxxa li l-art kienet taz-zewg partijiet meta ddikjara d-dar matrimonjali bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u dan apparti mill-fatt li kienu l-genituri taghha li hallsu l-maggjor parti tal-ispejjez

Il-Qorti tal-Appell ghamlet ukoll referenza ghas-sentenza **Rosario Agius v. Carmelo Vella** deciza fis-26 ta' Gunju 2003 mill-Qorti tal-Appell fejn gie applikat il-principju tal-prestanome izda l-fattispecie kienu differenti F'dak il-kaz l-ezistenza tal-mandat tacitu kienet sodisfacentement provata, stante li kienet tirrizulta minn xhieda estranji b'mod partikolari n-nutar li ppubblika l-kuntratt. Lanqas il-kaz **Lawrence Lanzon v. Rozette Lanzon** deciz fit-30 ta' Novembru 2007 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ma hu applikabbli stante li f'dik il-kawza l-art li fuqha kienet inbniet id-dar konjugali kienet giet akkwistata mill-partijiet bis-sahha ta' applikazzjoni maghmula taht l-iskema ghall-gharajjes, liema applikazzjoni kienet giet iffirmata miz-zewg partijiet, u ghalhekk il-Qorti f'dak il-kaz waslet ghall-konkluzjoni li meta fuq il-kuntratt deher l-gharus huwa kien qed jidher ukoll ghan-nom tal-gharusa tieghu. Barra minn hekk dak iz-zmien il-policy tal-Awtorita` tad-Djar kienet li fuq il-kuntratt jitnizzel biss isem ta' min mill-gharajjes ghandu l-akbar introjtu. Kien hemm fatti konkreti li jwasslu ghall-konfigurazzjoni tal-mandat tacitu sabiex l-gharus jidher fuq il-kuntratt tal-akkwist anke ghan-nom tal-allura gharusa tieghu.

Mhux l-istess jista' jinghad fil-kawza odjerna. Ma ngabux provi konvincenti li bejn il-partijiet kien hemm il-ftehim li meta l-konvenut deher fuq il-kuntratt tal-akkwist huwa kien qed jidher tacitament sew ghalih kif ukoll ghall-attrici dak iz-zmien l-gharusa tieghu. Din il-kawzali qeghdha ghalhekk tigi respinta.

Ikkunsidrat;

Gie pero` ppruvat u accettat anke da parti tal-konvenut illi l-attrici ghandha jedd ghal nofs l-ispejjez inkorsi waqt iz-zwieg sabiex jerga` jinbena u jitlesta l-fond proprjeta' tal-konvenut li intuza bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet. L-attrici inkarigat lill-Perit David Psaila li minn stima pprezentata fl-atti mill-attrici jirrizulta illi l-valur tax-xogholijiet maghmula jammonta ghas-somma ta' erbgha u tletin elf, tlett mija u tletin ewro (€34,330). L-attrici hija ghalhekk intitolata ghan-nofs u cioe' ghas-somma ta' €17,165 rapprezentanti sehemha mill-istess spejjez. Ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti qed tillikwida l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici rapprezentanti sehemha tal-ispejjez li ntefqu fiz-zwieg sabiex inbdiet id-dar matrimonjali proprjeta' parafernali tal-konvenut fis-somma ta'

€17,165, qeghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din is-somma hekk likwidata.

**Abitazzjoni fid-Dar Matrimonjali.**

L-attrici tikkontendi wkoll illi hija ghandu jkollha d-dritt ghall-uzu u abitazzjoni gewwa d-dar martimonjali flimkien ma' iben il-partijiet Ben, li ghalkemm lahaq il-maggor eta`, ghandu diversi diffikultajiet kemm psikologici u kemm ta' apprendiment. L-attrici qed isejjes din it-talba taghha fuq l-Artikolu 55A (1) (a) tal-Kap. 16 citat supra. **Artikolu 55A tal-Kap. 16** li kif gia' rajna jipprovdi illi meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet, tordna skond ic-cirkostanzi:

(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa.

Hija l-fehma tal-Qorti li una volta d-dar matrimonjali hija parafernali tar-ragel li qed jinstab responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet, huwa indikat li l-attrici tinghata d-dritt li mal-pronunzjalment tas-sentenza ta' separazzjoni tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali ghall-perijodu ta' hames (5) snin.

*2. Mobbli u assi ohra appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti*

Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-mobbli u l-ghamara gewwa d-dar matrimonjali. L-attrici tghid li l-maggorparti taghha xtratha hi wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, mentri l-konvenut jghid li bhala mastrudaxxa, huwa hadem il-gran parti tal-ghamara li hemm fid-dar matrimonjali waqt iz-zwieg.

Din il-Qorti tinnota li l-konvenut telaq mid-dar definittivament meta l-proceduri odjerni kienu ga nbdew. Issibha ghalhekk stramba temmen dak sottomess mill-attrici illi hija xtrat il-maggor parti tal-mobbli gewwa d-dar matrimonjali fil-mori ta' dawn il-proceduri izda fl-istess waqt ma zammet u pprezentat ebda ricevuta in sostenn ta' dan. Tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenut ghandu s-sengha ta' mastrudaxxa, tqis ghalhekk illi l-ghamara u l-mobbli kollha li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali jappartjenu lil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u ghalhekk iridu jigu divizi bejniethom.

Jidher mis-sottomissjonijiet tal-partijiet illi qeghdin jaqblu illi l-flus depozitati taht l-Awtorita` tal-Qorti, wara mandat ta' sekwestru maghmul mill-attrici, ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Din il-Qorti hija tal-fehma illi oltre dak

diga` hawn fuq diviz, l-assi kollha rimanenti li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu divizi f'porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

Il-partijiet ghandhom jiddividu l-ghamara, l-mobbli u l-oggetti kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti sa mhux iktar tard minn tlett xhur mill-jum li l-attrici tivvaka d-dar matrimonjali jew tlett xhur mill-iskadenza tal-hames snin fuq imsemmija, liema tigi l-ewwel. Fin-nuqqas kull parti tkun tista' titlob il-bejgh tal-mobbli bis-subbasta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro talba billi prevja li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut ghar-ragunijiet fuq imsemmija :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici kif konvertita għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut minhabba li kkommetta adulterju. Ghalhekk tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 66A (4) tal-Kapitolu 16 javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet zmien ghaxart ijiem untili minn meta din is-sentenza ssir res judicata.;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici in kwantu iben il-partijiet huwa llum maggorenni;

3. Tilqa` parzjalment it-tielet talba attrici in kwantu talbet manteniment ghal iben il-partijiet P, Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghal binhom sakemm jaghlaq it-tlieta u ghoxrin sena jew sakemm isib impjieg full-time skond liema jigi l-ewwel, l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull erba` gimgha. Tordna wkoll illi l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u disa` u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€149.35) rapprezentanti arretrati ta' spejjez mhallsa minnha fir-rigward ta' binhom minuri. Tichad il-bqija tat-tielet talba attrici ghall-manteniment ghaliha personali in kwantu hija ghandha ntrojtu adegwat. Jibqa' rizervat lill-attrici d-dritt li fil-futur titlob manteniment minghand zewgha jekk javveraw ruhhom cirkostanzi li jkunu jintitolawha ghal tali manteniment.

4. Tichad ir-raba talba attrici.

5. Tilqa` l-hames talba attrici, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha skond kif deciz aktar l' fuq taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti" u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma fuq

imsemmija ta' sbatax-il elf, mija u hamsa u sittin ewro (€17,165) bl-imghax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

6. Tichad is-sitt talba attrici.

7. Tilqa` s-seba` talba attrici u taghti lill-attrici d-dritt li tirrisjedi fid-dar matrimonjali ghal perijodu ta' hames snin millum ad eskluzzjoni tal-konvenut

8. Tilqa` t-tmien talba attrici b'dan illi tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tistabilixxi t-30 ta' Mejju 2008, bhala d-data ta' tali dekadenza tal-konvenut.

9. Tichad it-talbiet rikonvenzjonali sakemm mhux kompatibbli ma' dak hawn fuq deciz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**